Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

12 ta’ Novembru 2014*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja — Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili — Ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Artikolu 12(3) — Wild ta’ ġenituri mhux miżżewġin — Estensjoni tal-ġurisdizzjoni — Assenza ta’ kawża oħra pendenti konnessa — Aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni — Kontestazzjoni tal-ġurisdizzjoni ta’ qorti minn parti li adixxiet l-istess qorti”

Fil-Kawża C-656/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Nejvyšší soud (ir-Repubblika Ċeka), permezz ta’ deċiżjoni tat-12 ta’ Novembru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta’ Diċembru 2013, fil-proċedura

**L**

vs

**M,**

fil-preżenza ta’:

**R,**

**K,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Ó Caoimh, C. Toader, E. Jarašiūnas (Relatur) u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M, minn E. Zajíčková, avukat,

— għal R u K, minn Z. Kapitán, avukat,

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A.-M. Rouchaud-Joët u J. Hradil, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn L, omm il-minuri R u K, u M, missier dawn tal-aħħar, dwar il-kustodja ta' dawn il-minuri, li jinsabu ma' ommhom fl-Awstrija, filwaqt li missierhom jgħix fir-Repubblika Ċeka.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Ir-Regolament Nru 2201/2003

3 Il-premessi 5 u 12 tar-Regolament Nru 2201/2003 jiddikjaraw:

"(5) Sabiex l-ugwaljanza għal minuri kollha tkun assigurata, dan ir-Regolament ikopri d-deċizjonijiet kollha dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri, inkluzi l-miżuri ta' protezzjoni għall-minuri, indipendentement minn xi konnessjoni ma' xi proċedura matrimonjali.

[...]

(12) Ir-raġunijiet ta' l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri stabbiliti fir-Regolament preżenti huma fformati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta' l-qrubija. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod l-ewwelnett ma' l-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' l-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta' l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità."

4 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2201/2003 jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar. Huwa jipprovdi b'mod partikolari:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika [...] fi kwistjonijiet ċivili dwar:

[...]

(b) l-attribuzzjoni, l-ezerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri.

2. Il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) jistgħu, partikolarment, jittrattaw fi:

(a) drittijiet ta' kustodja u drittijiet ta' aċċess;

[...]

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

[...]

(e) l-obbliġazzjonijiet ta' manteniment;

[...]"

5 L-Artikolu 2(7) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi l-kunċett ta' "responsabbilità ta' l-ġenituri", għall-finijiet tal-imsemmi regolament, bħala "d-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' l-minuri li huma mogħtija lil persuna jew persuna legali b'sentenza, bl-operazzjoni ta' l-liġi jew b'xi fteħim li għandu effetti legali[; i]l-kliem se jinkludu d-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' l-aċċess".

6 Il-Kapitolu II tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "Il-Ġurisdizzjoni", jikkonsisti fi tliet taqsimiet. It-Taqsima 1 ta' dan il-kapitolu, intitolata "Id-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ", tiġbor taħtha l-Artikoli 3 sa 7 ta' dan ir-regolament. L-Artikolu 3 ta' dan tal-aħħar jistabbilixxi l-kriterji li jservu, prinċipalment, sabiex jiġu ddeterminati l-qrati tal-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu fuq kwistjonijiet dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ. L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament jirrigwarda l-ġurisdizzjoni residwa fi kwistjonijiet ta' divorzju, ta' separazzjoni legali u ta' annullament taż-żwieġ.

7 It-Taqsima 2 tal-istess Kapitolu II tar-Regolament Nru 2201/2003, dwar il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, jinkludi l-Artikoli 8 sa 15. L-Artikolu 8, intitolat "Il-Ġurisdizzjoni ġenerali", jipprovdi:

"1. Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess [ġiet adita].

2. Il-Paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 9, 10 u 12."

8 L-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-Proroga ta' l-ġurisdizzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu li, "[i]l-qrati ta' xi Stat Membru li jeżerċitaw l-ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 dwar l-applikazzjoni għad-divorzju, għas-separazzjoni legali jew għall-annullament taż-żwieg għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni dwar kwalsijasi kwistjoni dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri li għandha x'taqsam ma' dik l-applikazzjoni" meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet elenkati fih.

9 Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 jispeċifika:

"Il-ġurisdizzjoni mogħtija fil-paragrafu 1 għandha tieqaf jekk [hekk] kif:

(a) is-sentenza li tippermetti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għad-divorzju, għas-separazzjoni legali jew għall-annullament taż-żwieg ġiet finalizzata;

(b) f'dawk il-każijiet fejn il-proċedimenti dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri għadhom pendenti fid-data imsemmija f' (a), sentenza f'dawn il-proċedimenti giet iffinalizzata;

(ċ) il-proċedimenti msemmija f' (a) u f'(b) ġew mitmuma għal raġuni oħra."

10 Skont l-Artikolu 12(3) ta' dan ir-regolament:

"Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ukoll il-ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri fi proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 fejn:

(a) il-minuri għandhom konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru, u partikolarment bis-saħħa ta' l-fatt li bejn wieħed minn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità huwa/hija abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru jew li l-minuri huma ċittadini ta' dak l-Istat Membru;

u

(b) il-ġurisdizzjoni ta' l-qrati ġiet espressament aċċettata jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-partijiet kollha fil-proċedimenti fil-ħin li l-qorti ħadet il-pussess [ġiet adita] u dan fl-ahjar interess għall-minuri."

11 L-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "It-Trasferiment għal qorti li tinsab f'post aħjar sabiex jinstema' l-każ", jispeċifika ċirkustanzi li fihom, fuq bażi eċċezzjonali, il-qrati ta' Stat Membru li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu l-mertu tal-kawża jistgħu jittrasferixxu l-imsemmija kawża jew parti speċifika minnha lil qorti ta' Stat Membru ieħor li miegħu l-minuri għandu konnessjoni partikolari, liema qorti huma jqisu li hija f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' tali mertu.

12 L-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-Pussess ta' Qorti [It-tressiq ta' kawża quddiem qorti]", jipprovdi:

"1. Qorti għandha tiġi kkunsidrata li hija fil-pussess; [ġiet adita:]

(a) fiż-żmien li d-dokument li istitwixxa l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jiġu ppreżentati l-qorti, dement li l-applikant ma naqasx/sitx sussegwentement milli jieħu/tieħu l-passi neċessarji li kienu dovuti li sabiex issir in-notifika fuq il-konvenut;

jew

(b) jekk id-dokument għandu jkun innotifikat qabel ma jiġi ppreżentat quddiem il-qorti, fil-ħin meta tirċevih l-awtorità responsabbli għan-notifika, dment illi l-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-passi li kien meħtieġ jieħu biex jara li d-dokument ikun ippreżentat lill-qorti."

Ir-Regolament (KE) Nru 4/2009

13 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009 L 7, p. 1 u rettifika ĠU 2011, L 131, p. 26) għandu japplika, skont l-Artikolu 1(1) tiegħu, "għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin minn relazzjonijiet tal-familja, parentela, żwieġ jew affinità".

14 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", jaqra kif ġej:

"Fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment, fl-Istati Membri, il-ġurisdizzjoni għandha tkun f'idejn:

[...], jew

(d) il-qorti li, skont il-liġi tagħha stess għandha l-ġurisdizzjoni biex iżżomm proċeduri li jikkonċernaw ir-responsabbiltà ta' ġenitur jekk il-kwistjoni relatata ma' manteniment tkun anċillari għal dawk il-proċeduri, sakemm dik il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet."

*Id-dritt Ċek*

15 L-Artikolu 39(1) tal-Liġi Nru 97/1963 dwar id-dritt internazzjonali privat u d-dritt proċedurali, jipprovdi:

"Fi kwistjonijiet ta' kustodja u ta' manteniment ta' minuri u f'kawżi oħra li jikkonċernawhom, jekk dawn tal-aħħar huma ċittadini Ċekoslovakki, ikollhom ġurisdizzjoni l-qrati Ċekoslovakki anki jekk jgħixu barra mill-pajjiż. [...]"

16 L-Artikolu 104(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi:

"Meta ma jiġix osservat rekwiżit proċedurali li ma jistax jiġi eliminat, il-qorti għandha tagħlaq il-proċedura. Jekk il-kawża ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti jew jekk għandha tiġi ppreċeduta bi proċedura oħra, il-qorti għandha tibgħat il-kawża, wara li jkun sar *res judicata* d-digriet li jtemm il-proċedura, quddiem il-korp kompetenti; għandhom jinżammu l-effetti ġuridiċi marbuta mal-preżentata ta' rikors (att promotur)."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li L u M, li kienu jifformaw koppja mhux miżżewġa, kellhom żewġ ulied flimkien, R u K. Dawn iż-żewġ minuri twieldu fir-Repubblika Ċeka u għandhom in-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru. Sa Frar 2010, il-ġenituri u wliedhom kienu jgħixu fir-Repubblika Ċeka. Minn dan ix-xahar ta' Frar, L kienet taħdem fl-Awstrija u l-minuri kienu jgħixu alternattivament ma' ommhom u ma' missierhom, li jgħix u jaħdem f'Český Krumlov (ir-Repubblika Ċeka).

18 Fl-20 ta' Mejju 2012, L irreġistrat id-domiċilju tal-minuri fl-Awstrija u, f'Settembru tal-istess sena, informat lil M li l-minuri ma kinux ser jirritornaw fir-Repubblika Ċeka. Il-minuri kienu jmorru l-iskola fl-Awstrija dak iż-żmien. Il-kwistjoni jekk it-trasferiment tal-minuri fl-Awstrija seħħx bil-kunsens ta' M qed tiġi dibattuta fil-kuntest tal-proċedura dwar il-kustodja tal-minuri.

19 Fis-26 ta' Ottubru 2012, M adixxa l-Okresní soud (Qorti distrettwali) ta' Český Krumlov b'talba dwar l-"organizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-ulied", bil-għan li jikseb il-kustodja tal-minuri u l-manteniment.

20 Fit-28 ta' Ottubru 2012, M, bi ksur tal-ftehim magħmul ma' L, ma rritornax il-minuri li kienu qed iżuruh f'daru.

21 Fid-29 ta' Ottubru 2012, L ukoll ressqet talba quddiem l-Okresní soud ta' Český Krumlov sabiex tikseb il-kustodja tal-minuri u l-manteniment. Sussegwentement, hija ressqet talba simili quddiem il-qrati Awstrijaċi.

22 Fl-1 ta' Novembru 2012, bis-saħħa ta' miżura provviżorja adottata mill-Okresní soud ta' Český Krumlov, il-minuri rritornaw għand ommhom fl-Awstrija u minn dak iż-żmien qed imorru l-iskola hemmhekk. B'deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2012, il-Krajský soud (Qorti reġjonali) ta' České Budějovice (ir-Repubblika Ċeka) ikkonfermat din il-miżura provviżorja.

23 B'deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2013, l-Okresní soud ta' Český Krumlov iddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni u għalqet il-proċedura, skont l-Artikolu 104(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għar-raġuni li, billi l-minuri kienu ddomiċiljati fl-Awstrija fil-mument meta ġiet adita, il-qrati Awstrijaċi kellhom ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

24 Fid-19 ta' Marzu 2013, il-korp ċentrali Awstrijak irċieva, fuq inizjattiva tal-missier, talba għar-ritorn tal-minuri b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Den Haag, tal-25 ta' Ottubru 1980, dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1343, Nru 22514).

25 B'deċiżjoni tal-11 ta' April 2013, il-Krajský soud ta' České Budějovice rriformat id-deċiżjoni mogħtija mill-Okresní soud ta' Český Krumlov fl-1 ta' Frar 2013, b'mod li l-proċedura ma hijiex magħluqa. Dik il-qorti qieset li l-qrati Ċeki kellhom ġurisdizzjoni internazzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, billi kkunsidrat li l-minuri għandhom konnessjoni sostanzjali mar-Repubblika Ċeka, li ż-żewġ ġenituri aċċettaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' dawk il-qrati, kif għamel it-tutur tal-minuri, li nħatar sussegwentement fil-kuntest tal-proċedura, u li l-ġurisdizzjoni tal-Okresní soud ta' Český Krumlov kienet fl-interess tal-minuri.

26 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-kwistjoni tal-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Ċeki, il-Krajský soud ta' České Budějovice rrilevat li t-talba ta' M tas-26 ta' Ottubru 2012 kienet tressqet quddiem qorti Ċeka; li, fid-29 ta' Ottubru 2012, L stess kienet ressqet talba quddiem l-istess qorti, u li kien biss sussegwentement li hija sostniet li M kien messu adixxa l-qrati Awstrijaċi u ressqet talba quddiem qorti Awstrijaka.

27 L ippreżentat appell ta' kassazzjoni minn dik id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju u talbet li din tal-aħħar tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Krajský soud ta' České Budějovice. Din it-talba ntlaqgħet b'deċiżjoni tal-31 ta' Lulju 2013.

28 Insostenn tal-appell tagħha, L issostni, b'mod partikolari, li l-kundizzjoni tal-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Ċeki prevista fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma ġietx issodisfatta f'dan il-każ. Hija ressqet it-talba tagħha quddiem l-Okresní soud ta' Český Krumlov fuq pariri tal-Uffiċċju Ċek għall-protezzjoni legali u soċjali tat-tfal, għaliex hija ma kinitx taf fejn kienu jinsabu wliedha. Hija adixxiet ukoll l-awtoritajiet kompetenti fl-Awstrija u, mill-31 ta' Ottubru 2012, peress li saret taf il-fatti kollha, hija esprimiet b'mod ċar in-nuqqas ta' qbil tagħha fir-rigward tal-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Ċeki.

29 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, minn naħa, skont interpretazzjoni li ċertament hija restrittiva ħafna, iżda li tippermetti li jiġi żgurat li l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jingħata effett sħiħ, jista' jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 12(3) ta' dan ir-regolament, bħall-Artikolu 12(1), jippermetti li l-ġurisdizzjoni tiġi estiża biss favur il-qorti li diġà tkun adita b'talba għad-divorzju jew għall-annullament taż-żwieġ, meta l-ġurisdizzjoni tagħha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament. Min-naħa l-oħra, huwa konċepibbli li jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 12(3) jista' japplika anki fl-assenza ta' kull proċedura oħra konnessa mal-proċedura dwar il-kustodja tal-minuri.

30 Barra minn hekk, dik il-qorti tistaqsi dwar il-kwistjoni jekk jistax jiġi kkunsidrat li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, kienx hemm, min-naħa ta' L, "aċċettazzjoni espressa jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli" tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Ċeki. Hija tispjega li l-Krajský soud ta' České Budějovice rabtet il-konklużjoni tagħha dwar l-aċċettazzjoni min-naħa ta' L tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Ċeki mat-talba li ressqet din tal-aħħar quddiem l-Okresní soud ta' Český Krumlov fid-29 ta' Ottubru 2012. Il-qorti tar-rinviju madankollu tispjega li hija ma tipperċepixxix in-natura inekwivoka ta' tali manifestazzjoni ta' rieda.

Hija tosserva b'mod partikolari li jidher kredibbli, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża, li L ressqet talba quddiem l-l'Okresní soud ta' Český Krumlov biss għall-finijiet li tikseb informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-minuri. Għalhekk il-qorti tar-rinviju jidhrilha li ma jistax ikun hemm tali aċċettazzjoni f'dan il-każ. F'dan ir-rigward, hija tirrileva wkoll li, fl-ewwel att li kellha tippreżenta fil-proċedura mressqa minn M, L ikkontestat il-ġurisdizzjoni tal-qorti adita.

31 Billi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ppronunzjatx ruħha fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, in-Nejvyšší soud (Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 12(3) tar-[Regolament Nru 2201/2003] għandu jiġi interpretat fis-sens li jibbaża ġurisdizzjoni għal proċedura ta' responsabbiltà tal-ġenituri anki meta ma hemm ebda proċeduri relatati pendenti (jiġifieri 'proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1')?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 12(3) tar-[Regolament Nru 2201/2003] għandu jiġi interpretat fis-sens li [l-']aċċettazzjoni espressa jew [xort'oħra f'mod inekwivokabbli'] tfisser ukoll sitwazzjoni fejn il-parti li ma bdietx il-proċeduri tippreżenta l-att promotur tagħha fl-istess kawża, iżda sussegwentement, waqt l-ewwel att li għandha tagħmel, issostni n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni fil-proċeduri mibdija qabel mill-parti l-oħra?"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

32 Fuq talba tal-qorti tar-rinviju, l-awla magħżula eżaminat in-neċessità li din il-kawża tiġi suġġetta għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 107b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, l-imsemmija awla ddeċidiet li ma tilqax din it-talba.

33 B'deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Jannar 2014, din it-talba għal deċiżjoni preliminari ngħatat trattament prijoritarju b'applikazzjoni tal-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

## Fuq id-domandi preliminari

34 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri jkopri d-drittijiet u r-responsabbiltajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' minuri li jingħataw, b'mod partikolari, lil persuna fiżika b'sentenza jew bl-operat tal-liġi, liema drittijiet u responsabbiltajiet jinkludu b'mod partikolari d-dritt ta' kustodja u d-dritt ta' aċċess. Billi L u M huma f'kontestazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt ta' kustodja ta' wliedhom, it-tilwima inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, skont l-Artikolu 1(1) u 2(a) tiegħu.

35 Il-fatt li l-proċedura inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna wkoll talba għal manteniment huwa irrilevanti f'dan ir-rigward. Huwa minnu li, skont l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament Nru 2201/2003, l-obbligi ta' manteniment huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Madankollu, l-Artikolu 3(d) tar-Regolament Nru 4/2009 jipprovdi li jista' jkollha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi kwistjonijiet relatati ma obbligi ta' manteniment fl-Istati Membri dik il-qorti li, skont il-liġi tagħha stess, għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tisma' proċeduri li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri, jekk it-talba relatata ma' obbligu ta' manteniment tkun ančillari għal dawk il-proċeduri, sakemm dik il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet. B'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 12(3)

tar-Regolament Nru 2201/2003 ser ikollha wkoll ġurisdizzjoni, bħala prinċipju, sabiex tiddeċiedi fuq talba għal manteniment anċillari għall-proċeduri dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri li jitressqu quddiemha.

*Fuq l-ewwel domanda*

36 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti, għall-finijiet ta' proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza abitwali tal-minuri minkejja li ebda proċedura oħra ma tkun pendenti quddiem il-qorti magħżula.

37 M, ir-rappreżentant ta' R u K kif ukoll il-Gvern Ċek u l-Gvern Pollakk isostnu li din id-domanda għandha tingħata risposta affermattiva. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ssostni li din għandha tingħata risposta negattiva, filwaqt li tispeċifika li l-proċedura pendenti, li magħha l-proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri hija konnessa, għandha tkun proċedura differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

38 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti tfittex li tilħaq (sentenzi Merck, 292/82, EU:C:1983:335, punt 12, u Detiček, C-403/09 PPU, EU:C:2009:810, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi li l-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri "fi proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1" tal-istess artikolu meta, minn naħa, il-minuri jkollu konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li wieħed mid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkun abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru u, min-naħa l-oħra, il-ġurisdizzjoni tagħhom tkun ġiet aċċettata espressament jew xort'oħra b'mod inekwivoku mill-partijiet kollha fil-proċeduri fid-data li fiha l-qorti tkun ġiet adita u l-ġurisdizzjoni tkun fl-aħjar interessi tal-minuri. L-Artikolu 12(1) jispeċifika li l-qrati tal-Istat Membru li jeżerċita l-ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-istess regolament sabiex jiddeċiedu fuq talba għad-divorzju, għas-separazzjoni legali jew għall-annullament taż-żwieġ għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri li jkollha x'taqsam ma' din it-talba, meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti minnu.

40 Għalhekk il-kliem tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jippermettix, fih innifsu, li jiġi ddeterminat jekk, sabiex ikun possibbli li tiġi applikata l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni, huwiex neċessarju jew le li l-qorti li favur tagħha tintalab l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni tkun diġà adita bi proċedura oħra.

41 Madankollu għandu jiġi rrilevat, fir-rigward tal-kuntest li minnu jagħmel parti l-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi, flimkien ma' dik prevista fl-Artikolu 12(1), waħda miż-żewġ possibbiltajiet ta' estensjoni tal-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li joffri r-Regolament Nru 2201/2003.

42 F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta ċar li l-possibbiltà ta' estensjoni tal-ġurisdizzjoni li hija toffri ma tistax topera favur il-qrati tal-Istat Membru li jeżerċita l-ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-istess regolament sabiex jiddeċiedu fuq talba għad-divorzju, għas-separazzjoni legali jew għall-annullament taż-żwieġ. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 12(2) jispeċifika f'liema mument tintemm il-ġurisdizzjoni eżerċitata skont l-Artikolu 12(1), jiġifieri hekk kif id-deċiżjoni li tilqa' jew tiċħad it-talba għad-divorzju,

għas-separazzjoni legali jew għall-annullament taż-żwieġ tkun saret *res judicata*; jew, fil-każ fejn il-proċeduri dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu għadhom pendenti fid-data msemmija iktar 'il fuq, hekk kif deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tkun saret *res judicata*, jew inkella, fiż-żewġ każijiet imsemmija iktar 'il fuq, hekk kif jintemmu l-proċeduri għal raġuni oħra.

43 Issa ebda dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 12(2) ma hija prevista għall-possibbiltà ta' estensjoni tal-ġurisdizzjoni offerta mill-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003.

44 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, estiża bis-saħħa tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, favur qorti ta' Stat Membru li quddiemha titressaq, bi qbil bejn il-partijiet, proċedura mid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri, tispiċċa mal-għoti ta' deċiżjoni li saret *res judicata* fil-kuntest ta' dik il-proċedura (sentenza E, C-436/13, EU:C:2014:2246, punt 50). Dan jimplika li l-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula tista' tiġi estiża anki sabiex tinstema' biss din il-proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

45 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri tista' tiġi applikata mingħajr ma huwa neċessarju li l-proċedura dwar dawn il-kwistjonijiet tkun konnessa ma' proċedura oħra diġà pendenti quddiem il-qorti li favur tagħha tintalab l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni.

46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din l-interpretazzjoni hija l-unika waħda li għandha l-kapaċità li ma tippreġudikax l-effettività ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, ir-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għas-sitwazzjonijiet li fihom il-proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tista' tkun konnessa ma' proċedura oħra diġà pendenti tnaqqas b'mod sinjifikattiv il-possibbiltajiet li tintuża l-imsemmija estensjoni, fid-dawl tal-fatt li n-neċessità li tinbeda proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tista' sseħħ indipendentement minn kwalunkwe proċedura oħra.

47 Din l-interpretazzjoni hija wkoll l-unika waħda li għandha l-kapaċità li tiggarantixxi l-osservanza tal-għanijiet li r-Regolament Nru 2201/2003 jfittex li jilħaq.

48 Għaldaqstant, minn naħa, skont il-premessa 12 tiegħu, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni li jistabbilixxi r-Regolament Nru 2201/2003 huma fformati fid-dawl tal-aħjar interessi tal-minuri u, b'mod partikolari, tal-kriterju tal-qrubija. Minn dan isegwi li dan ir-regolament jitlaq mill-kunċett li l-aħjar interessi tal-minuri għandhom jipprevalu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rinau, C-195/08 PPU, EU:C:2008:406, punt 51). Issa kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 46 ta' din is-sentenza, il-limitazzjoni tal-possibbiltà li tintuża l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2003/2001 għall-każijiet li fihom il-proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tista' tkun konnessa ma' proċedura oħra diġà pendenti teskludi l-possibbiltà li l-imsemmija estensjoni tintuża f'diversi sitwazzjonijiet, minkejja li din l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni tista' tkun fl-aħjar interessi tal-minuri kkonċernat.

49 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-Artikolu 12(3)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003, — li, fi kwalunkwe ipoteżi, jissuġġetta l-applikabbiltà tal-estensjoni tal-ġurisdizzjoni prevista minn dan il-paragrafu mhux biss għall-aċċettazzjoni espressa jew b'mod inekwivoku ieħor tal-imsemmija estensjoni mill-partijiet kollha fil-proċedura fid-data li fiha l-qorti tkun ġiet adita, iżda wkoll għall-fatt li l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru magħżul tkun fl-aħjar interess tal-minuri —, l-użu ta' din l-estensjoni ma jista' f'ebda każ imur kontra dawn l-aħjar interessi.

50 Min-naħa l-oħra, il-premessa 5 tar-Regolament Nru 2201/2003 tipprovdi li, sabiex tkun żgurata l-ugwaljanza tal-minuri kollha, dan ir-regolament ikopri d-deċiżjonijiet kollha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, inklużi l-miżuri ta' protezzjoni tal-minuri, indipendentement minn kwalunkwe konnessjoni ma' proċedura matrimonjali. L-esklużjoni ta' kull possibbiltà ta' estensjoni tal-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri għas-sempliċi raġuni li l-imsemmija proċedura ma tistax tkun konnessa ma' proċedura oħra diġà pendenti tippreġudika t-twettiq sħiħ ta'

dan il-għan. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, jekk, kif tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju, l-espressjoni "proċedimenti minn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1", fis-sens tal-Artikolu 12(3) ta' dan ir-regolament, tinftiehem fis-sens li tirreferi għat-talbiet għad-divorzju, għas-separazzjoni legali jew għall-annullament taż-żwieġ li għalihom il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru tiġi stabbilita mhux bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-istess regolament, iżda bis-saħħa ta' regola ta' ġurisdizzjoni oħra prevista minn dan ir-regolament. Fil-fatt, tali interpretazzjoni teskludi kull possibbiltà ta' estensjoni tal-ġurisdizzjoni b'applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 12(3) għall-kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jikkonċernaw l-ulied ta' ġenituri li qatt ma żżewġu jew li l-ġenituri tagħhom diġà ddivorzjaw, isseparaw jew diġà kellhom iż-żwieġ tagħhom annullat, ħaġa li tmur kontra l-imsemmi għan ta' ugwaljanza tal-minuri kollha.

51 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni adottata fil-punt 45 ta' din is-sentenza ma tistax tippreġudika l-effettività tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003, kif taħseb il-qorti tar-rinviju, billi dan l-artikolu jispeċifika li japplika biss "b'mod ta' eċċezzjoni". Għalhekk ma jistax jagħmel tajjeb għal-lakuni f'termini ta' twettiq tal-għanijiet li r-Regolament Nru 2201/2003 jfittex li jilħaq, li jirriżultaw minn interpretazzjoni tal-Artikolu 12(3) ta' dan tal-aħħar li teskludi l-applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni fl-assenza ta' proċedura diġà pendenti li magħha tista' tkun konnessa l-proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti, għall-finijiet ta' proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza abitwali tal-minuri minkejja li ebda proċedura oħra ma tkun pendenti quddiem il-qorti magħżula.

*Fuq it-tieni domanda*

53 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ġurisdizzjoni tal-qorti adita minn parti sabiex tisma' proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tkun ġiet "espressament aċċettata jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-partijiet kollha fil-proċedimenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta l-konvenut f'din l-ewwel proċedura sussegwentement iressaq it-tieni proċedura quddiem l-istess qorti u, fil-kuntest tal-ewwel att li jkollu jippreżenta fl-ewwel proċedura, iqajjem in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti.

54 M u r-rappreżentant ta' R u K jidhrilhom li din id-domanda għandha tingħata risposta affermattiva, filwaqt li l-Gvern Ċek u l-Kummissjoni huma tal-fehma opposta.

55 Skont it-termini nfushom tal-Artikolu 12(3)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula għandha tkun "ġiet espressament aċċettata jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-partijiet kollha fil-proċedimenti fil-ħin li l-qorti ħadet il-pussess [ġiet adita]". L-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament jispeċifika li qorti għandha tiġi kkunsidrata li ġiet adita, bħala prinċipju, fid-data li fiha jiġi ppreżentat l-att promotur jew att ekwivalenti quddiem il-qorti.

56 Il-kliem ċar ta' din id-dispożizzjoni, moqri fid-dawl tal-imsemmi Artikolu 16, għalhekk jeżiġi li tiġi ppruvata l-eżistenza ta' ftehim espress jew tal-inqas univoku dwar l-imsemmija estensjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-partijiet kollha fil-proċedura, mhux iktar tard mid-data li fiha jiġi ppreżentat l-att promotur jew att ekwivalenti quddiem il-qorti magħżula.

57 Dan manifestament ma jistax ikun il-każ meta l-qorti inkwistjoni tiġi adita fuq l-inizjattiva ta' waħda biss mill-partijiet fil-proċedura, meta parti oħra fil-proċedura tadixxi din l-istess qorti bi proċedura oħra f'data sussegwenti u meta din il-parti l-oħra tikkontesta, mal-ewwel att li jkollha tippreżenta fil-kuntest tal-ewwel proċedura, il-ġurisdizzjoni tal-qorti adita.

58 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, meta qorti tiġi adita bi proċedura skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, l-aħjar interessi tal-minuri jistgħu jiġu żgurati biss permezz ta' eżami, f'kull każ partikolari, tal-kwistjoni jekk l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni mitluba hijiex konformi ma' dawn l-aħjar interessi u billi estensjoni tal-ġurisdizzjoni, abbażi tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, tkun valida biss għall-proċedura speċifika li għaliha tiġi adita l-qorti li l-ġurisdizzjoni tagħha hija estiża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza E, EU:C:2014:2246, punti 47 u 49).

59 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 12(3)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jistax jiġi kkunsidrat li l-ġurisdizzjoni tal-qorti adita minn parti sabiex tisma' proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tkun ġiet "espressament aċċettata jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-partijiet kollha fil-proċedimenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta l-konvenut f'din l-ewwel proċedura sussegwentement iressaq it-tieni proċedura quddiem l-istess qorti u, fil-kuntest tal-ewwel att li jkollu jippreżenta fl-ewwel proċedura, iqajjem in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti.

## Fuq l-ispejjeż

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 12(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti, għall-finijiet ta' proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza abitwali tal-minuri minkejja li ebda proċedura oħra ma tkun pendenti quddiem il-qorti magħżula.**

2) **L-Artikolu 12(3)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jistax jiġi kkunsidrat li l-ġurisdizzjoni tal-qorti adita minn parti sabiex tisma' proċedura dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tkun ġiet "espressament aċċettata jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-partijiet kollha fil-proċedimenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta l-konvenut f'din l-ewwel proċedura sussegwentement iressaq it-tieni proċedura quddiem l-istess qorti u, fil-kuntest tal-ewwel att li jkollu jippreżenta fl-ewwel proċedura, iqajjem in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti.**

Firem